MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru 225/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**VS**
**JOSEPH MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Micallef ta’ 20 sena, bin Joseph u Dorianne neè Polidano mwieled fil-Pieta’ fit-13 ta’ Marzu 1990, residenti 121, Triq Ruzar Briffa, Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 151290(M);

Illi hu akkuzat talli nhar il-25 ta’ Jannar 2011 ghall-habta tal-5.00 ta’ filghaxija f’dawn il-gzejjer:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' ta' Ps 820 Jonathan Vella, Pc 811 Sergio Pisani u Pc 1582 Mario Spiteri, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96, tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' Ps 820 Jonathan Vella, Pc 811 Sergio Pisani u Pc 1582 Mario Spiteri, li huma persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkawza offizi ta'natura hafifa fuq il-persuni ta' Ps 820 Jonathan Vella u Pc 811 Sergio Pisani u dan skond ma ccertifika Dr. Owen Mifsud MD Reg No 2953 mic-Centru tas-sahha tal-Mosta u dan bi ksur ta' artikolu 211(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Ps 820 Jonathan Vella, Pc 811 Sergio Pisani u Pc 1582 Mario Spiteri, weggaghhom, b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser carjew b'canfir mhux specifikat bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 252 (1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamilt lil Ps 820 Jonathan Vella, Pc 811 Sergio Pisani u Pc 1582 Mario Spiteri inguri jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' Art 339(1), (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9, tal-ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-ligijiet ta' Malta;
9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontajament ghamel hsara fuq l-uniformi tal-pulizija liema hsara tammonta ghall-€11.48 u dan bi ksur tal-Artikolu 328 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol 6) u dak ta' l-imputat (a fol 19) fejn l-imputat ma jsibx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti issib l-imputat hati skont l-akkuza u wara li rat l-Artiklu 96, 95, 22(1), 252(1) u (2), 339(1), (e) 338 (bb) u (ee) u (dd), 328 (d), 342, tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kap. 446 tqieghedu taht Ordni ta` Probation taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probabtion Services jew Probation officer iehor minnu nominat ghal zmien sentejn.

Din il-piena tieghi akkordata in vista ta` l-ammissjoni bikrija ta` l-imputat, l-eta` govanili tieghu u l-fatt li ghandu

l-fedina penali tieghu. Il-Qorti tordna illi kopja ta` din is-sentenza tigi kkommunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------